MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1653/1993/1

**Saviour Farrugia ufficjal inkarigat mis-Sezzjoni Arretrati ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tal-21 ta' Ottubru 1998 is-socjeta Maltacom p.l.c. assumiet l-atti ta' din il-kawza**

**vs**

**Joseph Caruana**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi bejn it-28 ta' Ottubru 1992 u t-3 ta' Novembru 1992 il-konvenut ikkaguna hsarat fil-"cables" tat-Telemalta li jinsabu f'Valletta Road, Hal-Luqa waqt li kien qed jesegwixxi xi xogholijiet fl-inhawi;

Illi dawn il-hsarat gew debitament rapportati lill-Pulizija Esekuttiva li wara li ghamlet l-investigazzjonijiet taghha, harget l-okkorrenza annessa Dokument A;

Illi d-danni sofferti mill-attur nomine jammontaw ghal Lm1391.11 (elf tlett mija u wiehed u disghin lira u hdax-il centezmu) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dina l-Qorti;

Illi ghal dawn il-hsarat huwa responsabbli l-konvenut li minkejja li gie interpellat biex ihallas id-danni kawzati minnu, baqa inadempjenti;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjarah responsabbli ghall-hsarat kagonati fuq il-cables proprieta' tal-attur noe liema hsarat gew kawzati bejn it-28 ta' Ottubru 1992 u t-3 ta' Novembru 1992 go Valletta Road, Hal-Luqa;

2. tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur noe fuq il-cables tal-istess attur tort tal-hsarat kawzati mill-konvenut fl-ammont ta' Lm1391.11 jew somma ohra verjuri;

3. tikkundanna l-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati skond it-tieni talba, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Awissu 1993 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazjzoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

Illi qabel xejn l-attur irid jipprova r-rapprezentanza guridika tieghu tal-Korporazzjoni attrici;

Illi fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-istess konvenut ghamel xogholu b'diligenza u skond is-sengha u l-arti u in effetti kien l-istess attur li wera negligenza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju 1999;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti jirrizulta li, bejn it-28 ta' Ottubru 1992 u l-5 ta' Novembru 1992, il-konvenut kien qed jghamel xoghol ta thaffir ta' trinek gewwa Valletta Road, Luqa. Jirrizulta li fl-esekuzzjoni ta' dan ix-xoghol il-konvenut tlett (3) darbiet laqat u ghamel hsara fil-"cables" tat-telephones tat-Telemalta;

It-Telemalta ssostni li l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghad-danni sofferti minnha bhala konsegwenza ta' dawn il-hsarat u ssostni ukoll li dawn id-danni jammontaw ghas-somma ta' elf tlett mija u wiehed u

disghin lira u hdax il-centezmu (Lm1391.11). Permezz ta' din ic-citazzjoni s-socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma;

Il-konvenut l-ewwel jissottometti li Saviour Farrugia, li beda dawn il-proceduri ghan-nom u in rappresentanza tal-Korporazzjoni Telemalta, ghandu jipprova li huwa r-rapprezentant guridika tal-istess Korporazzjoni. Difatti l-imsemmi Saviour Farrugia, waqt li kien qed jixhed, ikkonferma li huwa r-rappresentant guridiku tal-Korporazzjoni attrici. Huwa qal li kienu saru l-proceduri kollha f'dan ir-rigward, tant li din in-nomina kienet giet ukoll pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. F'dana kollu l-imsemmi Saviour Farrugia bl-ebda ma gie kontradett. B'hekk, ghar-rigward ta minn beda dawn il-proceduri ma jirrizulta xejn irregolari. Inoltre ghandu jigi rilevat li fil-mori tal-kawza s-socjeta Maltacom p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza stante li fil-frattemp kienet issuccediet ghad-drittijiet u obbligi kollha tal-Korporazzjoni attrici originali. In vista ta' dan kollu din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tigi akkolta;

Fit-tieni lok il-konvenut qed jeccepixxi li huwa esegwixxa x-xoghol in kwestjoni b'diligenza u skond is-sengha u l-arti u in effett kienu l-atturi li wrew negligenza;

Jirrizulta li l-konvenut kien qed jesegwixxi x-xoghol fuq struzzjonijiet tas-socjeta FGP Limited li ghandha fabbrika f'dawk l-inhawi. Ix-xoghol kien jikkonsisti fi thaffir ta' trinek minn fejn kellhom jghaddu cables tad-dawl sabiex issir sub-station tal-elettriku fl-imsemmija fabbrika. Il-Managing Director tal-imsemmija socjeta FGP ikkonferma li kienu gew ottjenuti l-permessi kollha sabiex seta jsir dan ix-xoghol, inkluzi l-awtorizzazzjonijiet kollha necessarji minnghand it-Telemalta. Huwa qal ukoll li tat-Telemalta ma kinux jafu jindikaw esatt fejn kienu qeghdin il-cables taghhom u ghalhekk taw istruzzjonijiet ta' kif kellhom jithaffru t-trinek in kwestjoni. L-istess direttur tal-FGP qal li sa fejn jaf hu l-konvenut mexa ma dawn l-istruzzjonijiet;

Il-fatt li ma giex indikat b'mod preciz minn fejn kienu ghaddejjin il-cables tat-telephone hu ukoll konfermat minn

ufficjali tal-istess Telemalta. Di fatti Inginier u Senior Technical Officer, it-tnejn tat-Telemalta, kkonfermaw li hu minnu li n-nies tat-Telemalta ma kienux jafu esatt fejn kienu qeghdin il-cables. Dan kien principalment dovut ghall-fatt li l-cables u l-pjanti relattivi kienu antiki hafna. Skond l-istess ufficjali tat-Telemalta x'aktarx ukoll li l-istess cables ma kienux imqghedin f'linja dritta u seta' jkun ukoll li kien hemm varjazzjonijiet fil-kondizzjonijiet peress li t-triq maz-zmien twessghet;

Barra minn hekk xhud iehor, li hu Technical Officer dejjem mat-Telemalta, qal li kien difficli ghall-konvenut li jkun jaf fejn kienu qeghdin il-cables peress li l-cables kienu antiki hafna ma kinux qeghdin ezatt f'linja dritta u cioe ma kinux ghaddejjin paralleli mat-trinka li kien qed ihaffer l-istess konvenut. Dan hu rilevanti peress li jiggustifika l-fatt li jirrizulta li l-konvenut f'tlett okkazzjonijiet differenti, f'hinijiet diferenti u f'postijiet differenti l-boghod minn xulxin, laqghat il-cables in kwestjoni;

Lanqas ma jirrizulta li interveniet f'dan il-kaz sezzjoni specjalizzata tat-Telemalta, li ghandha a disposizzjoni taghha strumenti specjali biex tillokalizza b'mod preciz fejn kienu l-cables;

Jidher li l-konvenut segwa l-istruzzjonijiet li gew mghotija lilu mill-ufficjali tat-Telemalta. X'aktarx li l-incidenti in kwestjoni sehhew minhabba li l-cables ma kinux imqghedin fid-dritt cioe f'linja dritta, mentri jirrizulta li, kif suppost, it-trinka li kien qed ihaffer il-konvenut kienet ghad-dritt u kienet parallela mat-trinka fejn kien hemm il-cables tat-telephone;

In vista tal-premess ma jirrizultax b'mod sufficjenti li l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghal-hsarat in kwestjoni u danni konsekwenzjali. B'hekk it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu rigettati.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra s-socjeta attrici.